MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2011

Numru 174/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Saviour Attard**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Saviour Attard ta’ 43 sena, bin John u Carmen nee` Scerri, imwieled Vittoria, nhar 30/05/1964, residenti fil-fond numru Samfrancis, Triq l-Imgarr, Ghajnsielem, Ghawdex, detentur tal-karta ta’ l-identita numru 21064G fejn gie akkuzat talli fis-26 ta’ Gunju 2007 ghal habta tas-1400 ta’ wara nofsinhar, fi Triq l-Imgarr, Ghajnsielem, Ghawdex:

a. volontarjament gharraq il-hwejjeg ta’ Anthony Vella (5278G) liema hsara hija ta’ aktar minn hamsin lira

(Lm50.00) izda anqas minn hames mitt lira (Lm500.00) fuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni HBA 072;

b. volontarjament gharraq il-hwejjeg ta’ Joanne Grech (336794M) liema hsara ma teccedix l-ghaxar lira (Lm10.00)

c. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Carmel Attard (98646G) Theresa Attard (175302L) u Joanne Grech (336794L) f’perikolu car, hebb ghalihom u ikkgunalhom griehi ta’ natura hafifa skont ma ccertifika Dr Ian Galea MD ta’ l-Isptar Generali ta’ Ghawdex.

d. ingurja lil Joanne Grech u lil Carmel Attard bi kliem u gesti

e. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b’ghajjat u bil-gliet, u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tas-17 ta’ Marzu, 2011 li permezz taghha dik il-Qorti wara li rat l-artikoli 325(b)(d), 338(dd), 221(1) u 221(3)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt li lliberat lill-imputat Saviouir Attard mir-raba’ akkuza migjuba fil-konfront tieghu, sabitu hati tal-kumplament u kkundannatu ghal perijodu ta’ sitt xhur prigunerija, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet maghmula fis-sentenza u b’applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta’ Malta dana l-perijodu ta’ prigunerija gie sospiz ghal zmimne sena mid-data tas-sentenza.

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Saviour Attard minnu prezentat fl-4 ta’ April 2011, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f’dik il-parti fejn illiberat lill-appellant mir-raba’ imputazzjoni u fejn sabitu hati ta’ l-akkuzi l-ohra u tirrevokha f’dik il-parti fejn erogat piena ta’ sitt xhur prigunerija sospizi ghal zmien sena u minflok tinfliggi piena li tkun izjed gusta tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti u semghet lill-partijiet jittrattaw l-appell permezz tal-avukati taghhom.
.
L-incident li wassal lill-imputat quddiem l-ewwel Qorti beda meta Roberta Vella waqqfet il-vettura ta’ zewgha li kienet biha fit-triq quddiem il-garage ta’ missierha Carmel Attard. Ma’ Roberta Vella kien hemm ohtha Joanne Grech u uliedha. Roberta Vella marret id-dar ta’ missierha biex tghidlu jdahhlilha l-karozza fil-garage. Biex taghmel hekk Roberta Vella halliet il-karozza timblokka t-triq sakemm jigi missierha u jdahhalha fil-garage. Sadattant wasal fuq il-post l-imputat akkompanjat minn ibnu Charlon rekbin fi truck li kellu jieqaf ghaliex sab it-triq imblukkata mill-vettura li minnha harget Roberta Vella. F’mument minnhom l-imputat deherlu li ra lil Joanne Grech taghmel mossa b’xufftejha lejh waqt li din Joanne Grech dehrilha li l-imputat kien ghajjiebha. Dak il-hin hareg Carmel Attard, missier Roberta Vella u Joanne Grech, sabiex idahhal il-karozza li kellha bintu fil-garage tieghu. Hawnhekk sar xi skambju ta’ diskors bejn Carmel Attard u l-imputat u dan minnufih aggredixxa lil Carmel Attard, beda jaghtih bil-ponn u kompla jaghtih bis-sieq meta Attard waqa’ fl-art. F’din il-kollutazzjoni l-imputat ghamel ukoll xi hsara fil-vettura li kellha Roberta Vella. Fil-frattemp Joanne Grech kienet harget mill-vettura li kienet biha ohtha biex tassisti lil missierha u harget fit-triq ukoll Tereza Attard, mart Carmel Attard biex tassisti lil zewgha u l-imputat dar ghal Tereza Attard u beda jsawwat lilha wkoll. Fl-incident l-imputat ikkawza griehi hfief lil Carmel Attard u lil bintu Teresa Attard u hsara fil-vettura HBA 072 li kienet biha Roberta Vella.

L-appell tal-imputat huwa limitat ghall-piena erogata mill-ewwel Qorti. Huwa jirritjeni li l-incident kien gie provokat minn Joanna Grech meta din kemmxet xufftejha lejh. Huwa jzid li Roberta Vella gidbet u esagerat fir-rakkont taghha u ma kienetx sorretta anqas mil-familjari l-ohra taghha. Jzid li huwa kien sorpriz li l-ewwel Qorti sabet il-verzjoni tal-parti leza aktar kredibbli u verosimili minn dik tal-imputat, kien sorpriz bil-piena erogata mill-ewwel Qorti, u jidhirlu li hu stramb il-kumment tal-ewwel Qorti fis-sens li

l-fedina penali tieghu ma hijiex xi wahda allarmanti meta l-fedina tieghu hi wahda pratikament nadifa u jidhirlu li mizura taht l-Att dwar il-*Probation* kienet tkun aktar adatta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Il-Qorti tistqarr li l-imputat appellant *doth protest too much*. Imwarrba l-esagerazzjonijiet kollha ta’ Roberta Vella, l-fatti li rrizultaw huma cari hafna u huma certament ta’ entita’ serja u minflok l-appellant joqghod jipprova jimminimizza dak li gara jaghmel ahjar li jirrifletti ftit fuq il-hniena t’Alla li evitatlu li jkun hemm konsegwenzi hafna aktar serji. U jekk l-imputat jahseb li ghaliex xi hadd ikemmex xufftejh lejh allura din il-Qorti ser tikkunsidra li l-incident kien b’xi mod provokat u li ghalhekk l-imputat kien f’xi grad skuzat meta infexx fi violenza fizika u daqqiet ta’ ponn u daqqiet ta’ sieq fir-ras ta’ Carmel Vella qieghed jizbalja bl-ikrah. L-incident kien wiehed deplorevoli u jissenjala eskalazzjoni fl-agir wara zmien twil ta’ animosita’ li jekk ma jitrazzanx minnufih hadd ma jista’ jbassar kif ghad jintemm. Il-fatt li l-offizi li rrizultaw kienu hfief ma hux mertu tal-imputat izda fic-cirkostanzi kienu biss kolp ta’ fortuna kemm ghall-aggredit kif ukoll ghall-imputat appellant.

Din il-Qorti tifhem pienament ir-ribrezz li kjarament hasset l-ewwel Qorti meta rinfaccjata bil-kruha tal-incident in kwistjoni u li wasslitha sabiex teroga l-piena appellata. Il-Qorti minghajr tlaqliq ma taqbel xejn li xi mizura taht l-Att dwar il-*Probation* tkun wahda adegwata fic-cirkostanzi tal-kaz li jirrikjedu li minnufih ikun hemm mizura robusta ta’ deterrent biex jigu evitati incidenti u konsegwenzi aktar serji fil-futur. Din il-Qorti jidhrilha li fic-cirkostanzi tal-kaz, karatterizzati minn telf ta’ kontroll li wiehed ma jistenniex minn persuna civilizzata li mehtieg minnha li tghix f’armonija ma’ persuni ohra fil-komunita’ anki meta konfrontata b’agir mhux gradit ghaliha, piena ta’ prigunerija hi indikata u ghalhekk il-mizura ta’ sentenza sospiza mill-ewwel Qorti kienet konformi mal-artikolu 28A(2) tal-Kodici Kriminali li jirrikjedi li l-Qorti ma ghandhiex tittratta ma’ hati permezz ta’ sentenza sospiza hlief jekk il-qorti jkun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta’ prigunerija kienet tkun xierqa fin-nuqqas ta’ xi setgha li tissospendi dik is-sentenza. Tenut kont tal-

konkluzjonijiet hawn raggunti u tal-fatt li l-piena ta' prigunerija li giet sospiza mill-ewwel Qorti hi vicin il-minimu assolut erogabbli ghall-htija tal-imputat din il-Qorit ma jibqala' xejn izjed x'taghmel hlief li tikkonfermha.

Ghall-motivi premessi il-Qorti tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------